MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru 696/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ramon Mercieca)**
**(Sp. Victor Aquilina)**

**v**

**Giovanni Mallia ta' 68 sena bin Giuseppe**
**u Carmela nee Vella, imwieled Qormi**
**fl-14 ta' Awissu, 1936, u residenti 31, Villa Lumina,**
**Triq it-Tursin ir-Rih, Attard, detentur**
**tal-karta tal-identita' bin-numru 579636 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Giovanni Mallia li gie akkuzat talli fil-25 ta' Lulju, 2005 ghall-habta ta' xi 00.15 a.m. gewwa Triq it-Tursin ir-Rih, Attard:

(1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Joseph Louis Vella, skond ma ccertifika t-tabib Dr Mark Anthony Delicata M.D. (Reg 2871) mill-Isptar San Luqa, u dan b'arma, strument jew ghodda irregolari, bi ksur tal-artikoli 64, 214 u 216 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) ikkommetta serq ta' gebel ornamentali mill-fond sitwat f'numru 23, Belfior, Triq Tursin ir-Rih, Attard, ghad-dannu ta' Joseph Louis Vella, liema valur huwa ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm 100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm 1000), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, u dan bi ksur tal-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267 u 270 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Permezz ta' arma, strument jew ghodda ohra ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura hafifa fuq Gunther Vella, skond ma ccertifika t-tabib Dr Mark Anthony Delicata MD (Reg 2871) mill-Isptar San Luqa, u dan b'arma, strument jew ghodda irregolari, u dan bi ksur tal-artikoli 64, 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq in-nuccali tal-vista ta' Gunther Vella liema hsara hija ta' anqas minn Lm 50 (hamsin lira Maltin) ghad-dannu ta' l-istess Gunther Vella u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) u (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Qal kliem fil-pubbliku liema kliem kien oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
(7) Hebb ghal Joseph Louis Vella u Gunther Vella sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(8) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Joseph Louis Vella u Gunther Vella weggagghhom bi kliem b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 252(1) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(9) Imbotta lill-imsemmija Joseph Louis Vella u Gunther Vella sabiex iweggahhom jew jinsulentahom u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(l) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Louis Vella u Gunther Vella u tapplika l-provedimenti ta' l-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri u wiegeb li mhux hat ta' l-akkuzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi Mallia huwa akkuzat talli fera b'mod gravi lil Joseph Louis Vella dan billi xejjirlu b'ghaslug u b'zokk ta' xkupa. Il-griehi ta' Joseph Louis Vella pero' huma ftit in kontestazzjoni in kwantu ma hemmx qbil bejn dak li kkonstata Dr Michael Farrugia fis-sena 2006 (vide certifikat esebit) u cioe griehi ta' natura gravi ghax baqghu vizibbli fil-wicc u dak li kkonkluda Dr Mario Scerri fir-rapport tieghu, Dok MS li tali griehi ma kinux daqstant visibbli minn talking distance u kien hemm cans kbir li ma jidhrux aktar. Tali konkluzjonijiet ghal kollox konfliggenti huma aktar u aktar saljenti meta ttiehed in konsiderazzjoni l-fatt illi l-partijiet nvoluti f'din il-kawza, cioe l-akkuzat u l-parti leza, pprezentaw fl-atti skrittura privata li fiha ttransigew kull vertenza bejniethom, anke dawk kriminali.

Barra minn dan kollu anke in vista ta' l-akkuzi l-ohrajn migjuba kontra Mallia, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-provi

prodotti huma konfliggenti u oltre dan jidher li l-akkuzat l-aktar li mar hazin fl-inkontru mal- Vellajiet.

Issibha difficli din il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mill-missier u l-iben Vella fir-rigward tal-fatt li huma kull ma ghamlu ddefendew biss lilhom infushom, meta l-vettura ta' Mallia sofriet dannu sostanzjali fil-windscreen ta' quddiem u ta' wara, daqqiet ta' steering lock. Oltre ghall-fatt illi Mallia sofra griehi ta' natura gravi fuq rasu ghax qalgha bl-istess lock. Tant hu hekk illi d-demm trovat fuq tali steering lock huwa ta' l-istess tip ta' l-istess Mallia, grupp B (ara tieni rapport ta' Robert Cardona).

Gunther Vella qal li hu ra lil Mallia jaqla' l-bocci tal-gebel li hemm mal-hajt tar-residenza ta'missieru. Joseph Louis Vella qal li ra dawn l-istess bocci fil-wara tal-vettura ta' Mallia, meta l-akkuzat telaq minn fuq il-post bl-istess vettura. Tistaqsi din il-Qorti pero', allura x'sar minnhom dawn il-gebliet?? Huwa probabbli li Mallia sejjer lejn l-isptar wara x-xebgha li qalgha, kellu d-dispozizzjoni li jieqaf x'imkien u jarmi dawn il-bocci li missier Vella xehed li ra fil-wara tal-vettura ta' Mallia??

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li fil-kuntest tax-xhieda kontrastanti fil-konfront tal-griehi ta' Joseph Louis Vella li kull dubju ghandu jmur a favur l-akkuzat u ghalhekk tqis din l-azzjoni bhala rinunzjata bhal fil-kaz tat-tifel Gunther (li fil-fatt allegatament sofra griehi hfief), ghalhekk tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront ta' l-ewwel u t-tielet akkuza. Tqis l-akkuzi l-ohra mhux sufficjentement ippruvati minhabba x-xhieda konfliggenti prodotta u ghalhekk qed tilliberah mit-tieni, r-raba', hames, sitt, seba', tmien u disa' akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------